MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI
# (GHAWDEX)
# (GURISDIZZJONI SUPERJURI)
# (SEZZJONI GENERALI)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSETTE DEMICOLI**

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2013

Rikors Numru. 2/2012/3

**Rotciv Co. Limited C 9329; u Michael Zammit Holdings Limited C 9105**

**Vs**

**Ir-Registratur tal-Kumpaniji**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ta' Rotciv Co Limited u Michael Zammit Holdings Limited fit-termini tal-artikolu 325(4) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta ipprezentat fit-18 ta' Mejju 2012 li jaqra hekk:

1. Illi huma t-tnejn membri, fi kwoti ugwali fil-kumpannija li ggib l-isem "**Ta' Vitor Estates Limited",** u n-numru tar-registrazzjoni tal-kumpanija C11855;

2. Illi f'dawn l-ahhar jiem, l-esponenti skoprew, b'kumbinazzjoni, li r-Registratur ghadda sabiex hassar l-isem ta' din il-kumpanija minn fuq ir-regìstru b'effett mis-sitta u ghoxrin (26) ta' Frar elfejn u tnax (2012); b'applikazzjoni tal-Artikolu 325(3) tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi l-esponenti hassew ruhhom aggravati fil-fatt li l-isem tal-kumpanija thassar minn fuq ir-Registru u jixtiequ li, b'applikazzjoni tal-Artikolu 325(4) tal-istess Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta, l-isem tal-kumpanija jerga' jidhol fir-regìstru biex hekk jitqies daqs li kieku li l-isem tal-kumpanija qatt ma thassar, u sabiex il-Qorti taghti dawk id-direzzjonijiet u taghmel dawk il-provvedimenti li jkunu xierqa biex il-kumpanija u l-esponenti bhala membri taghha jitqeghdu fl-istess pozizzjoni kemm jista' jkun vicin daqs li kieku l-isem tal-kumpanija ma jkunx thassar;

4. Illi din it-talba hija mmotivata fuq is-segwenti kunsiderazzjonijiet:

a. Fl-21 ta' Settembru 2011, l-intimat kien baghat ittra lil Victor Hili, wiehed mid-diretturi tal-kumpanija, fejn intalbet informazzjoni dwar jekk il-kumpanija kinitx ghadha topera jew tmexxi n-negozju taghha, u huwa nghata zmien ta' xahar sabiex jirrispondi qabel mar-Registratur ikompli bil-process ta' thassir ta' isem il-kumpanija;

b. Fl-10 ta' Novembru 2011, reggħet intbaghtet ittra lill-istess Victor Hili fejn dan gìe infurmat li l-isem tal-kumpanija kien ser jithassar "unless cause is previously shown to the contrary";

c. Ghal dik l-ittra ntbaghtet risposta fis-17 ta' Novembru 2011 fejn inghatat spjegazzjoni tas-sitwazzjoni tal-kumpanija u saret talba sabiex il-process tat-thassir jigì sospiz sakemm jigu decìzi l-proceduri pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri fl-ismijiet "Rotciv Company Limited vs Zammit Michaelangelo", Rikors Numru 02/2002PC, mehuda fit-termini tal-Artikolu 402 tal-istess Kap. 386;

d. Ghal din l-ittra, ma ntbaghtet l-ebda risposta mir-Registratur u kien biss fil-bidu ta' Marzu meta l-membri tal-kumpannija rnexxilhom jiltaqghu sabiex jigu pprezentati l-accounts tal-kumpanija u jimtlew il-formoli tat-taxxa tal-istess kumpanija, li huma skoprew li l-isem tal-kumpanija kien ghadu kif thassar minn fuq ir-registru proprju ftit jiem qabel;

e. Effettivament, dak li gara kien li l-membri u d-diretturi tal-kumpanija kienu nvoluti fi proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Għawdex) Superjuri fl-ismijiet "Rotciv Company Limited vs Zammit Michaelangelo", Rikors Numru 02/2002PC, mehuda fit-termini tal-Artikolu 402 tal-istess Kap. 386 minhabba allegazzjonijiet li kienu saru minn Rotciv Company Limited kontra Michaelangelo Zammit, id-direttur l-iehor tal-kumpanija, u kontra "Michael Zammit Holdings Limited". Dawn il-proceduri lhom ghaddejjin ghal dawn l-ahhar ghaxar snin, u matul dan iz-zmien, proprju minhabba dawk il-proceduri, l-*annual returns*, u l-*accounts* tal-kumpanija ma kienux qeghdin jigu pprezentati. Huwa minnu li l-partijiet kienu lahqu ftehim, fis-sbatax (17) ta' Jannar elfejn u sitta (2006), dwar kif ghandhom jigu divizi bejniethom l-assi tal-kumpanija, izda dak il-ftehim baqa' ma giex attwat minhabba d-diffidenza bejn l-azzjonisti, u minhabba li l-intimat Zammit ma attendiex ghall-udjenzi quddiem il-Qorti minn dak iz-zmien 'il quddiem, u diversi ragunijiet ohra;

f. Kien proprju wara li ntbaghtet l-ittra tas-17 ta' Novembru 2012 li l-membri rnexxilhom jibdew il-proceduri sabiex isiru l-*accounts* tal-kumpanija tant li meta saret is-seduta tal-1 ta' Marzu 2012, huma ltaqghu sabiex jiffirmaw, u effettivament iffirmaw l-*accounts* sas-sena 2008.

g. Illum, il-membri jinsabu fi grad li jimlew l-*annual returns* kollha tal-kumpanija, ihallsu l-mizati u l-penali kollha li saru dovuti minhabba r-ritard fil-prezentazzjoni ta' dawn ir-*returns,* u fi zmien qasir sejrin ukoll ikunu f'qaghda li jipprezentaw l-*accounts* tal-kumpanija;

5. Ghaldaqstant ir-rikorrenti talbu lil din il-Qorti li:

a. b'applikazzjoni tal-Artikolu 325(4) tal-istess Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna li l-isem tal-kumpanija jerga' jidhol fir-regìstru biex hekk jitqies daqslikieku li l-isem tal-kumpanija qatt ma thassar, u

b. taghti dawk id-direzzjonijiet u taghmel dawk il-provvedimenti li jkunu xierqa biex il-kumpanija u l-esponenti bhala membri jitqeghdu fl-istess posizzjoni kemm jista' jkun vicin dik li kieku l-isem tal-kumpanija ma jkunx thassar.
Rat ir-risposta tar-Registratur tal-Kumpaniji:

Illi l-kumpanija in kwistjoni giet registrata fit-13 t'Awissu 1990 taht l-Att dwar il-Kumpaniji 1995. Madankollu tul iz-zmien kollu illi damet fuq ir-Registru, is-socjeta Ta' Vitor Estates Limited(C11855) kulma baghatet kien prospett annwali wieħed.

Illi din il-kumpanija ghalhekk kienet ilha ma tibghat kontijiet u prospetti annwali mill-1998 jigifieri ghal erbatax-il sena shah lir-Registratur ghar-registrazzjoni. Din zgur kienet raguni bizzejjed sabiex ir-Registratur jahseb illi il-kumpannija in kwistjoni ma kinetx qed topera jew taghmel negozju skont kif jitlob l-Artiklu 325 ta' l-Att.

Illi konsegwentement il-kumpanija, minhabba tali nadempjenzi ma' l-obbligi legali taghha ghal diversi snin, flimkien ma' l-uffiċjal taghha nhargulha diversi multi.

Illi ghalhekk ir-Registratur mexa sabiex jinforza d-dispozizzjonijiet tal-Artiklu imsemmi vis-a-vis il-kumpanija in kwistjoni.

Illi fit-28 ta' Novemberu 2011, ir-Registratur ippublika avviz fuq il-website mizmuma minnu f'gazzetta li toħrog kuljum illi b'effett min tliet xhur mid-data tal-pubblikazzjoni ta' l-istess avvizi l-isem tal-kumpanija kellu jiġi mhassar minn fuq ir-Registru.

Illi r-Registratur ipproceda sabiex jippublika avviz illi il-kumpanija in kwistjoni kienet giet imhassra minn fuq ir-registru b’effett mis-26 ta’ Frar 2012.

Illi mingħajr ma jitfa’ dubju fuq il-verita’ tal-fatti kif ingabu mir-rikorrenti r-Registratur ma jafx li rcieva l-ittra msemmija li ggib id-data tas-17 ta’ Novembru 2011 fejn intghalab illi thassir ta’ l-isem tal-kumpanija jigi sospiz.

Illi fir-rigward tal-korrispondenza mibghuta mir-Registratur jidher car fid-dokumenti annessi ma’ din ir-risposta, ir-Registratur mar oltre minn dak li titlob minnu l-ligi fl-Artiklu 325 ta’ l-Att. Dan ghaliex ir-Registratur dejjem jibghat ittri kif ukoll ghamel fil-kaz odjern lill-kumpanija fl-ufficcju registrat taghha kif ukoll fl-indirizzi tad-diretturi kollha taghha. Dan meta r-Registratur huwa legalment obbligat biss illi jibghat tali korrispondenza lil-kumpannija fl-ufficcju registrat taghha biss.

Illi ghalhekk kif jidher mid-dokumenti prezentati, id-direttur l-iehor Michael Zammit ntbaghtulu ittri ezatt daqs kemm intbaghtu lil Victor Hili u lil-kumpanija in kwistjoni.

Illi iktar min hekk l-indirizz fejn intbaghtet lil Michael Zammit kien l-istess wiehed fejn intbaghtet dik indirizzata lil-kumpanija. Dan ghaliex skond l-informazzjoni illi tat il-kumpanija stess lir-Registratur fil-Memorandum and Articles of Association taghha turi illi l-indirizz registrat tal-kumpanija u l-indirizz personali ta’ l-istess Michael Zammit huma l-istess.

Illi r-Registratur jifhem illi kienu jezistu xi diffikultajiet fil-kumpanija u xi nuqqas ta’ ftehim bejn l-ufficjali taghha, huwa jhoss illi d-diretturi jew is-segretarju tal-kumpanija setghu almenu jibghatu l-Annual Returns regolari ta’ kull sena. Dan partikolarment meta wiehed jiftakar illi dan huwa sempliciment prospett li mieghu hemm marbut id-dritt tar-registru u seta’ ghaldaqstant jigi facilment mimli minn xi ufficcjal tal-kumpanija.

Illi r-Registratur isostni ili dawn huma obbligi legali ta’ kull sena illi jieqfu biss max-xoljiment tal-kumpanija u

ghalhekk mhumiex affarijiet li jistghu jsiru f'xi zmien qasir. Il-Qorti tifhem illi fl-Artikoli tieghu l-Att jipprovdi ghall-penali ghal kull nuqqas ta' osservanza tal-provedimenti tal-ligi u jistabbilixxi massimu ta' penali illi r-Registratur jinforza persentagg ta' wiehed fil-mija.

Illi jekk dina l-Onorabbli Qorti jidrilha opportun illi tilqa' t-talba kif maghmula mir-rikorrenti sabiex l-isem tal-kumpanija jerga' jitqieghed fuq ir-Registru, ir-Registratur umilment jissolleva illi fis-sentenza taghha l-Qorti taghti dawk id-direzzjonijiet u dawk il-provedimenti illi jidrilha xierqa biex il-kumpanija u terzi persuni jitqieghdu fl-istess pozizzjoni kemm jista' jkun qrib dik li kieku l-isem tal-kumpanija qatt ma kien thassar. Illi ghalhekk l-obbligazzjonijiet u d-dmirijiet tal-kumpanija Ta' Vitor Estates Limited u ta' l-ufficcjali taghha jergghu jigu fis-sehh daqs li kieku l-isem taghha qatt ma thassar. Ghaldaqstant ir-Registratur tal-kumpaniji jissoleva illi jekk dina l-Onorabbli Qorti thoss li hu xieraq illi l-isem tal-kumpanija jerga' jitqieghed fuq ir-registru fis-sentenza taghha ghandha ukoll taghti dawk id-direttivi lill-kumpanija u l-ufficcjali taghha sabiex jiehdu hsieb jibghatu d-dokumentazzjoni li qatt ma ntbaghtet lir-Registratur inkluzi prospetti annwali u kontijiet annwali u jithallsu l-penalitajiet kollha dovuti lir-Registratur. Dan sabiex jiġi evitat illi jitpoggew lura fuq ir-Registru tal-kumpaniji b'nuqqasijiet kbar vis-a-vis l-Att dwar il-Kumpaniji 1995.

Bl-ispejjez.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ezaminat bir-reqqa kull dokument li kien esebit mir-rikorrent biex isostni l-istanza tieghu.

Rat in-nota tar-Registratur tal-Kumpaniji tat-23 ta' Settembru 2013 li permezz taghha kkonferma li Michael Angelo Zammit ipprezenta d-dokumentazzjoni kollha mehtiega ghar-registrazzjoni u hallas il-penalitajiet kollha rikjesti minnu bhala pre-kundizzjoni sabiex l-isem tal-kumpanija 'Ta' Vitor Estates Limited (C 11855)' jerga' jitqieghed fuq ir-Registru. Ghaldaqstant iddikjara li ma

jsibx oggezzjoni li din il-qorti tohrog digriet sabiex il-kumpanija terga' titpogga fuq ir-Registru ai termini ta' l-artikolu 325(4) ta' l-Att dwar il-Kumpanniji.

Rat l-Art.325 tal-Kap.386 tal-Ligijiet ta' Malta.

In vista tal-premess, din il-Qorti tipprovdi hekk -

1. Tiddikjara li hija sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpanija 'Ta' Vitor Estates Limited' (C 11855) jerga' jidhol fir-Registru tal-Kumpaniji u ghalhekk tordna li l-isem tal-kumpanija 'Ta' Vitor Estates Limited' (C 11855) jerga' jidhol fir-Registru tal-Kumpaniji.

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex sa zmien hmistax (15)–il jum mil-lum jikkonsenja lir-Registratur tal-Kumpaniji kopja ufficjali ta' dan l-ordni ghar-registrazzjoni.

3. Tordna li b'effett mid-data li fiha r-Registratur tal-Qrati jikkonsenja lir-Registratur tal-Kumpaniji kopja ufficjali ta' l-ordni fuq riferit, ir-Registratur tal-Kumpaniji ghandu jirregistra, fi zmien sebat (7) ijiem, il-kumpanija 'Ta' Vitor Estates Limited' (C 11855) fir-Registru tal-Kumpaniji u minn dakinhar tar-registrazzjoni, dik il-kumpanija ghandha titqies li kompliet l-esistenza taghha daqs li kieku isimha ma kienx thassar.

4. Tordna lir-Registratur tal-Kumpaniji sabiex minnufih, izda mhux aktar tard minn hmistax (15)-il jum mid-data tar-registrazzjoni tal-kumpanija 'Ta' Vitor Estates Limited' (C 11855) fir-Registru tal- Kumpaniji, jottempera ruhu ma' l-obbligi tal-pubblikazzjoni skont is-subinciz (4) tal-Art.325, u ma' l-obbligi tal-avvizi skond is-subinciz (5) tal-Art.325 tal-Kap.386 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Tordna lir-rikorrenti sabiex ihallsu l-ispejjez kollha ta' din il-procedura nkluz dawk tal-esekuzzjoni tal-provvediment tal-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------